# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025**

**Numru 2**

**Rikors numru 616/2022/1 MH**

**Manuel Ciantar, Jane Ciantar**
**Jonathan Ciantar**
**v.**

**Lara Vella Ciantar**

1. Il-konvenuta Lara Vella Ciantar hija l-armla ta' Daniel Ciantar, li jiġi bin l-atturi Manuel u Jane Ciantar, u ħu l-attur Jonathan. Daniel Ciantar miet intestat fis-17 ta' Ottubru 2021, u l-atturi jsostnu li l-konvenuta mhix denja li tiret lil Daniel Ciantar "*minħabba l-eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kaġunati minnha fil-konfront tiegħu tant li Daniel Ciantar waqa' f' dipressjoni u spiċċa neħħa ħajtu b'idu".*

2. Fit-13 ta' Lulju 2022 l-atturi ppreżentaw din il-kawża fejn bażikament talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara lill-konvenuta mhux denja li tiret lil Daniel Ciantar u li għalhekk l-eredi tiegħu jiġu li huma l-istess atturi, tillikwida l-assi ereditarji tal-istess Daniel Ciantar u tordna lill-konvenuta tirritornahom lilhom, u tillikwida wkoll id-danni sofferti minnhom u tikkundanna lill-konvenuta tħallas tali danni hekk likwidati.

3. Permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2024 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

4. L-atturi ħassewhom aggravati b'tali sentenza u għalhekk fit-30 ta' Diċembru 2024 interponew appell fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> 1. *"Tħassar id-digriet mogħti fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2023 fejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-partijiet jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni u ġew mogħtija terminu sabiex jippreżentaw n-noti ta' sottomissjonijiet u b'dan li l-appellant* (***RECTE*: appellanti**) *ikollhom l-okkażjoni li jressqu l-provi tagħhom fuq din l-eċċezzjoni u konsegwentement tħassar is-sentenza tal-Qorti datata 29 ta' Novembru 2024, bl-ispejjeż kontra l-appellanta* (***RECTE*: appellata**)*; jew*
>
> 2. *Tħassar u tikkanċella s-sentenza datata 29 ta' Novembru 2024 li biha l-Ewwel Qorti laqgħet din l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellata u tordna l-prosegwiment tal-kawża bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanta* (***RECTE:* appellata**)."

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

> **"Il-Qorti;**
> **Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ta' Lara Vella Ciantar tat-13 ta'**

**Lulju 2022** permezz ta' liema ppremettew u talbu lill-Qorti –

1. *"Illi nhar is-17 ta' Ottubru 2021 ġie nieqes Daniel Ciantar, u ċioe it-tifel tar-rikorrenti Manuel u Jane Ciantar u hu r-rikorrenti Jonathan Ciantar; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt hawn annessa u mmarkata Dokument A;*

2. *Illi defunt Daniel Ciantar kien mizzewweg lill-intimata;*

3. *Illi huwa miet intestat;*

4. *Illi la miet intestat, l-intimata kienet legalment l-unika eredi ta' Daniel Ciantar;*

5. *Illi kif se jigi ippruvat tul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimata irrendiet ruhha mhux denja li tiret lil zewga minhabba l-eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kagunati minnha fil-konfront tieghu tant li Daniel Ciantar waqa f'dipressjoni u spicca nehha hajtu b'idu.*

6. *Illi l-intimata diġa bdiet tgawdi mil-ġid u/jew drittijiet tal-wirt u għalhekk jirrikjedi li l-assi ereditarji jiġu integrati lura fil-massa ereditarja;*

7. *Illi minnhabba dan l-agir r-rikorrenti sofrew ukoll danni materjali kif ukoll morali;*

8. *Illi nonostante li l-intimata giet interpellata bl-ittra ufficjali bin-numru 2354/2022 datata 6 ta' Gunju 2022 sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenzjali rifuzzjoni tal-wirt tal-mikbi Daniel Ciantar hija baqghet inadempjenti;*

9. *Ghalhekk kellha jsir din il-kawza;*

*Għaldaqstant, in vista' tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara li l-intimata ma hiex denja li tircievi u tiret l-eredita tal-mikbi zewga Daniel Ciantar;*

2. *Tiddikjara li r-rikorrenti huma l-eredi tal-mikbi Daniel Ciantar;*

3. *Konsegwentement tal-istess dikjarazzjoniijiet tordna li l-intimata tirritorna l-assi kollha ta' l-eredita' ta' Daniel Ciantar lil rikorrenti u fin-nuqqas tillikwida l-ammont li għandu jiġi ritornat sabiex ikun hemm l-integrita' patrimonjali ta' l-eredita';*

4. *Konsegwentament tillikwida occorendo bl-opera ta' periti nominandi, l-assi ereditarji kollha ta' Daniel Ciantar;*

5. *Tordna in-nomina ta' Nutar pubbliku jekk ikun hemm ħtieġa*

*sabiex jippublika dawk l-atti kollha neċessarji għar-reintgrazzjoni ta' l-assi;*

6. *Tordna l-ħatra ta' kuraturi f' każ ta' kontumaċċja ta' l-intimata;*

7. *Tiddikjara lill-intimata responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti u tillikwida l-istess, okkorendo bin-nomina ta' periti u tordna l-ħlas ta' l-istess danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet legali sal pagament effetiv.*
*Bl-ispejjeż kontra l-intimata inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 2354/2022 datata 6 ta' Gunju 2022 li hija minn issa inġunta in subizzjoni."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Lara Vella Ciantar tat-13 t'Ottubru 2022** permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*1. "Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija kompletament insostenibbli billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jistgħu qatt, lanqas jekk jirriżultaw, iwasslu għall-indenjita' billi ma humhiex fost ir-raġunijiet tassattivament elenkati fl-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili.*

*2. Bla preġudizzju għas-sueċċepit, f'kull każ it-talbiet attriċi huma kompletament infodati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu respinti fit-totalita' tagħhom billi mhux minnu li l-eċċipjenti kkommettiet eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi fil-konfront ta' żewġha Daniel Ciantar.*

*3. Bla preġudizzju għas-sueċċepit, f'kull każ l-eċċeipjenti ma kkaġunat ebda danni lill-atturi, u għalhekk ukoll it-talbiet tagħhom huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi, li huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat illi waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 20232 ordnat li l-ewwel tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza preliminari dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ma hijiex denja li tirċievi u tiret l-eredita' ta' żewġha, iben l-istess atturi, Daniel Ciantar. Invece l-pretensjoni tagħhom hi li

għandhom ikunu l-atturi li jiġu dikjarati bħala eredi tiegħu. Konsegwentement l-atturi qed jitolbu li l-konenuta tiġi ordnata tirritorna l-assi kollha ta' l-eredita' ta' Daniel Ciantar lill-atturi u fin-nuqqas il-Qorti tillikwida l-ammont li għandu jiġi ritornat sabiex ikun hemm l-integrita' patrimonjali ta' l-eredita'. L-atturi qed jitolbu wkoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni allegatament sofferti minnhom flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi.

Minn naħa tagħha l-konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi mressqa s'issa għall-fini ta' din l-eċċezzjoni jirriżulta li l-konvenuta Lara Vella Ciantar kienet miżżewġa lil Daniel Ciantar, iben l-atturi. Daniel Ciantar ġie nieqes fis-17 t'Ottubru 2021.

L-atturi jgħidu wkoll fin-Nota ta Sottomissjonijiet tagħhom li fil-mument tal-mewt tiegħu, il-konvenuta kienet diġa' separata *de facto* minn miegħu u hija kienet ukoll abbandunat id-dar matrimonjali għal ħames xhur sħaħ. Provi dwar dan ma tressqux pero'.

Ingħatat stampa tal-istorja medika tad-deċedut mill-file tal-isptar relattiv, liema file pero' ma fih ebda informazzjoni b'rabta mal-mewt tiegħu. Infatti l-aħħar informazzjoni medika li tinsab fil-file tmur lura għal madwar xahar qabel ġie nieqes.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta hija li –

*"Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija kompletament insostenibbli billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jistgħu qatt, lanqas jekk jirriżultaw, iwasslu għall-indenjita' billi ma humhiex fost ir-raġunijiet tassattivament elenkati fl-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili."*

Tajjeb jiġi sottolineat fl-ewwel lok li l-bażi tal-azzjoni odjerna hija l-allegata indenjita' tal-konvenuta li tiret lil żewġha minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew ovviżi gravi kaġunati minnha fil-konfront ta' Daniel Ciantar tant li huwa spiċċa waqa' f'depressjoni u eventwalment neħħa ħajtu b'idejh.

Dan qed jingħad sabiex ikun ċar li l-azzjoni odjerna mhijiex mibnija fuq l-istitut tad-diżeredazzjoni li huwa kompletament separat u distint u jirrigwarda sanzjoni mposta mit-testatur stess fit-testment fiċ-ċirkustanzi elenkati fl-artikolu 623 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-eċċezzjoni tal-konvenuta hija bażata fuq l-**artikolu 605 tal-Kap 16** li jipprovdi hekk

> *"(1) Kull min –*
>
> *(a) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur; jew*

> *(b) ikun akkuża lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur, quddiem awtorità kompetenti b'delitt li jġib il-piena tal-priġunerija, u li hu kien jaf li t-testatur, jew il-mara jew raġel tat-testatur, ma kenux ħatjin tiegħu; jew*
>
> *(ċ) ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja; jew*
>
> *(d) ma jkunx ħalla lit-testatur jagħmel testment ġdid, jew iħassar it-testment li kien ġa għamel, inkella qered, iffalsifika, jew bil-qerq ħeba t-testment, jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi b'testment.*
>
> *(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għal kull min ikun kompliċi f'wieħed jew ieħor mill-fatti hawn fuq imsemmja."*

Għalkemm dan l-artikolu jinsab fit-taqsima applikabbli għal ċirkostanzi meta hemm testment, il-leġislatur iddikjara wkoll li f'każ ta' eredita' *ab intestato*, kif inhi l-kawża odjerna, japplikaw l-istess prinċipji. Infatti l-artikolu 796 tal-Att jipprovdi hekk–

"Dawk li huma inkapaċi jew mhux denji li jirċievu b'testment, għar raġunijiet li jingħadu f'dan il-Kodici, hekk ukoll huma inkapaċi jew mhux denji li jirtu *ab intestato*."

It-teżi tal-konvenuta hija li l-lista ta' raġunijiet li a bażi tagħhom tiskatta l-indenjita' li wieħed jiret hija waħda eżawrjenti u tassattiva u la fil-fehma tagħha l-fattispeċje tal-każ odjern ma jiffigurawx f'xi waħda minn dawk ir-raġunijiet, allura l-azzjoni attriċi hija nostenibbli.

Minn naħa l-oħra l-atturi jsostnu li minn imkien ma rriżulta li l-istanzi ndikati fl-artikolu 605 tal-Kap 16 huma tassattivi u li ma jistax ikun hemm raġunijiet oħra kkontemplati fil-liġi li jrendu persuna mhux denja li tiret fosthom -

- *ex turpi causa non oritur actio;*
- *actio de in rem verso; u*
- *jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem.*

L-atturi jsostnu wkoll li d-diċitura tal-artikolu 796 tal-Att tirreferi għar-raġunijiet li jingħadu fil-Kap 16 u mhux għall-artikolu 605 kif qed tippretendi l-konvenuta. Fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju, l-atturi jsostnu wkoll li anke jekk il-Qorti tqis li huwa l-artikolu 605 tal-Att biss li għandu japplika, huma xorta jemmnu li l-konvenuta mhijiex denja li tirċievi l-wirt ta' żewġha ai termini tas-subartikolu (1) (a) stante li żewġha neħħa ħajtu b'idejh kawża tal-aġir tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li kuntrarjament għal dak argumentat mill-atturi, d-diċitura

stess tal-artikolu 605 tal-kap 16 tindika li l-intenzjoni tal-leġislatur hija li tirrestrinġi l-każijiet ta' indenjita' li wieħed jiret għal dawk ir-raġunijiet speċifikatament elenkati fl-artikolu msemmi. L-artiklu jgħid "*Kull min.......*" u jelenka biss erba' raġunijiet li għalihom tapplika tali ndenjita'.

Li kieku l-leġislatur ried li l-artikolu 605 ma jkunx eżawrjenti u tassattiv kien jindika li l-lista hija waħda li tinkludi dawk ir-raġunijiet iżda li mhux limitata għalihom biss. Imma m'għamilx hekk.

Għalhekk il-kompitu tal-Qorti huwa li tirrispetta l-intenzjoni tal-leġislatur u mhux li twessa' nterpretazzjoni ta' artikolu tal-liġi lil hinn minn dak li hu intiż għalih fl-istess liġi.

Għalkemm m'hemmx xi elenku twil ta' ġurisprudenza li jista' jixħet dawl fuq dan, issir referenza għall-każ li għalih saret referenza minn entrambi l-partijiet **Dr Mark Chetcuti noe vs Dr Mark Busuttil et noe** deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Settembru 2018 f'liema każ il-Qorti daħlet fid-distinzjoni bejn id-diseredazzjoni u l-indenjita' –

> *"26. Differentement mill-kaz tad-diseredazzjoni taht artikoli 622 u 623 tal Kodici Civili Malti, **fil-kaz ta' persuna li ma tkunx denja li tircievi b'testment taht artikolu 605 tal-Kodici Civili, dik il-persuna tigi eskluza milli tkun beneficcjarja taht testment ghal xi raguni li ssemmi l-liġi**. L-indenjita' li dak li jkun jircievi b'testment titnissel minn sanzjoni tal-ligi filwaqt li dik tad-deseredazzjoni titnissel mir-rieda tat-testatur (Ara "Codici Civile Annotato Pescatore e Ruperto; para 463 pg 274; Ed Giuffre' 1978"). Aktar minn hekk, l-indinjita' twassal biex teskludi lil dak li jkun milli jircievi kwalunkwe xorta ta' beneficcju taht tesment, inkluz legat, mentri id-deseredazzjoni hija limitata ghall-porzjoni riservata gja' legittima."*

Mela dan l-insenjament ikompli jikkonferma li persuna ma tkunx denja li tirċievi mill-wirt meta ma tissodisfax waħda minn dawk ir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 605. L-atturi jargumentaw li l-fatt li l-Qorti rreferiet għal "*raġuni li ssemmi l-liġi*" u mhux għal "*raġuni li jsemmi l-artikolu 605*" hija konferma li r-raġunijiet li jistgħu iwasslu għal indenjita' mhumhiex limitati biss għal dawk speċifikati fl-artikolu 605.

Dan mhuwhiex il-każ.

L-interpretazzjoni tal-kliem tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ċitata ma tistax tittieħed 'il barra mill-kuntest. Jidher ċar li l-Qorti f'dik il-parti tas-sentenza kienet qegħda tirreferi għall-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili u allura dak li kien qiegħed jingħad minnha kient riferibbli għal u marbut mal-artiklu 605 stess. Il-fatt li ma reġgħetx irrepetiet ir-referenza għall-artikolu, ma jbiddel xejn minn dan il-fatt.

Marbut ma dan il-Qorti tagħmel referenza ukoll għal dak li ċċitat din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmela Buttiġieġ**

**et. vs Carmen Agius**[1] fejn ġiet ċitata l-Qorti tal-Cassassjoni[2] u ngħad dan:

> "*...l'indegnita`, come configurata nell'unica disposizione del codice che ne prevede le varie ipotesi, non e` uno 'status' connaturato al soggetto che si assume indegno a succedere, ma una qualificazione di un comportamento del soggetto medesimo, che deve essere data dal giudice a seguito dell'accertamento del fatto che integra quella determinata ipotesi di indegnita` dedotta in giudizio, e che si sostanzia in una vera e propria sanzione civile di carattere patrimoniale avente un fondamento pubblicistico*" (enfasi tal-Qorti).

Ċar minn dan li l-indenjita' hija sanzjoni maħsuba mill-leġislatur, għalhekk bħala tali għandha tiġi interpretata biss kif hemm hekk skritt u maħsub, u mogħtija biss dik l-applikazzjoni u interpretazzjoni u mhux imġebbda u mfassla għal sitwazzjonijiet oħra mhux leġislati.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili huwa tassattiv u eżawrjenti fejn jidħlu r-raġunijiet li a bażi tagħhom persuni ma jkunux denji jirċievu b'testment.

Stabbilit dan, jifdal jiġi evalwat jekk l-allegazzjonijiet tal-atturi fil-każ odjern jikkwalifikawx taħt is-subartikolu (1) (a) tal-artikolu 605, kif argumentat mill-atturi sussidjarjament għall-argumenti l-oħra tagħhom, li jirreferi għal ċirkustanzi fejn persuna volontarjament toqtol jew tkun ittantat toqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur.

Il-Qorti pero' ma tistax tqis dan il-paragrafu bħala applikabbli għall-każ odjern.

Hawnhekk inevitabilment issir referenza għat-Titolu VIII "Fuq id-Delitti Kontra l-Persuna" tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) senjatament is-sub-titolu I "Fuq l-Omiċidju Volontarju" li jipprovdi hekk fost oħrajn –

Artikolu 211 –

> *"(2) Hu ħati ta' omiċidju volontarju kull min, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt."*

Ċertament li dan mhux il-każ fil-proċeduri odjerni.

L-atturi jirreferu għall-**artikolu 213 tal-Kap 9** u jsostnu li *se mai* il-fattispeċje tal-każ odjern jaqgħu taħtu u kwindi jinkwdraw ruħhom taħt l-artikolu 605 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 213 jipprovdi hekk –

> "*Kull min iġiegħel lil ħaddieħor jiddeċidi li joqtol ruħu b'idejh jew jagħtih*

[1] Citazzjoni Numru. 1178/2007 JRM, deċiża 23 ta' Marzu, 2010
[2] Cass. Civ (Sez. IIa ) 29.3.2006 fl-ismijiet T.G. vs B.G. (Nru. 7266)

*xi għajnuna, jeħel, meta jinsab ħati, fil-każ li s-suwiċidju jsir, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il sena."*

Il-Qorti pero' tqis li ma hemmx konnessjoni bejn dan l-artikolu u dak li l-atturi stess qed jallegaw. Imkien ma ngħad fir-rikors promotur li l-konvenuta ġegħlet lil Daniel Ciantar jiddeċiedi li joqtol ruħu b'idejh. Lanqas ġie allegat li l-istess konvenuta għenitu direttament jagħmel dan il-pass. L-allegazzjoni hija li minħabba l-mod kif Lara Vella Ciantar trattat lil Daniel Ciantar, huwa waqa' f'dipressjoni, liema dipressjoni wasslitu għas-suwiċidju. Dan ma jinkwdrax fl-intendiment tal-artikolu 213 tal-Kap 9.

Għalhekk għal darb'oħra ma hemm ebda ness mal-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti tesprimi d-dispjaċir tagħha li persuna tilfet ħajjitha b'dan il-mod, hija trid timxi skont id-dettami tal-liġi u fil-parametri tal-istess liġi. Tħares minn fejn tħares lejha din il-kawża ma tistax tkompli għax m'hemmx il-bażi legali biex dan isir.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija nsostenibbli billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jistgħu qatt, lanqas jekk jirriżultaw, iwasslu għall-indenjita' billi ma humhiex fost ir-raġunijiet tassattivament elenkati fl-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom."

## <u>RIKORS TAL-APPELL TAL-ATTURI (30.12.2024):</u>

6. L-aggravji tal-atturi, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) "<u>L-ewwel aggravju:</u>

*Fl-ewwel lok l-atturi jilmentaw lil-Ewwel Qorti ma ħallithomx ikomplu bil-provi tagħhom.*

Jgħidu li fl-1 ta' Marzu 2023 meta kien beda l-istadju tal-provi tagħhom, u kienu xehdu tnejn mix-xiehda li huma ħarrku għal dakinhar, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza preliminari (dwar l-ewwel eċċezzjoni) għall-10 ta' Lulju 2023, fejn il-konvenuta ingħatat tliet ġimgħat, u huma ingħataw sitt ġimgħat, sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet relattivi tagħhom.

Jargumentaw li l-Ewwel Qorti kienet inġusta meta ordnat lill-partijiet

jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni mingħajr ma tathom l-opportunita` jkomplu bil-provi tagħhom.

Isostnu li kellhom ħafna provi x' iressqu fuq il-konvenuta: fuq kif kienet qed iġġib ruħha ma' Daniel Ciantar u fuq it-theddid kontinwu li kienet tagħmel u fuq il-ħajja li Daniel kien qed jgħix meta kien magħha. Isostnu li għandhom provi fuq it-theddid li għamlitlu meta huwa ried jagħmel testment u li konsegwenza ta' dan baqa' m'għamlux u kien kiteb karta li ried iħalli kollox lil ħuh Jonathan. Jenfasizzaw li Daniel kien neħħa ħajtu b'idejh minħabba l-aġir tal-konvenuta. Isostnu li kieku l-Ewwel Qorti semgħet il-provi ma kinitx tasal għall-konkluzjoni li l-kawża hija insostenibbli.

(ii) <u>It-tieni aggravju:</u>

*Fit-tieni lok l-atturi ma jaqblux mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-Artikolu 605 huwa wieħed tassattiv*

Huma jsostnu l-Artikolu 605 mhux wieħed tassattiv u li hemm raġunijiet oħra kkontemplati fil-liġi bħal:

- *ex turpi causa non oritur actio*
- *actio de in rem verso*
- *jure naturae aequum est neminem cum alerius detrimento et injuria fieri locupletoriem*

Jargumentaw li ma jagħmel l-ebda sens li persuna tibbenefika mill-aġir illegali tagħha. Jgħidu li l-konvenuta kienet diġa separata *de facto* minn Daniel Ciantar, li kienet abbandunat għal ħames xhur sħaħ id-dar matrimonjali u li l-istess Daniel kien taħt theddid kontinwu da parti tagħha. Jgħidu li ladarba kienet lesta li tissepara minn miegħu u ladarba l-aġir tagħha kien qiegħed iwassal għas-separazzjoni tagħhom, ikun inġust li hija tgawdi mill-beni ta' żewġha.

Jgħidu wkoll li l-Artikolu 1028A jipprovdi li min mingħajr kawża ġusta jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet tali persuna.

Għalkemm jenfasizzaw li l-kawża tagħhom ma kinitx marbuta mal-Artikolu 605 biss, jgħidu li anke li kieku dan kien il-każ, il-konvenuta ma kinitx denja li tirċievi l-wirt ta' żewġha taħt l-Artikolu **<u>605(1)(a) u (d),</u>** kif kien ser jirriżulta fil-kawża li kieku huma ingħataw l-opportunita` li jressqu l-provi tagħhom."

**<u>RISPOSTA TAL-KONVENUTA GĦALL-APPELL TAL-ATTURI (10.04.2025):</u>**

7. Il-konvenuta wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi appellanti.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

(i) <u>Dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ħallietx lill-atturi jkomplu bil-provi tagħhom, u li *invece* ddeċidiet li tiddiferixxi l-kawża għas-sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni:</u>

8. L-ewwel aggravju tal-atturi jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma ħallithomx ikomplu jressqu l-provi tagħhom, u li minflok ħalliet il-kawża għas-sentenza preliminari.

9. Għal intendiment aħjar ta' dan l-ilment din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti verbali tal-Ewwel Qorti (sottolinejar tagħha):

> **<u>"16.11.2022 (L-ewwel dehra)</u>**
>
> *Meta ssejħet il-kawża deher Dr Jason Grima għall-atturi. Deher Dr Mark Simiana għall-konvenuta preżenti.*
> *<u>Dr Grima fil-mori għandu jippreżenta l-affidavits tal-atturi.</u>*
> *<u>Il-Qorti tħalli l-kawża għall-provi viva voce tal-atturi</u> għall-1 ta' Marzu 2023 fl-10.00am.*
>
> **<u>01.03.2023</u>**
>
> *Meta ssejħet il-kawża deher Dr Jason Grima għall-atturi. Deher Dr Mark Simiana għall-konvenuta preżenti.*

*Xehdet in-Nutar Dr Antonella Navarro[3] bil-Malti u bil-ġurament. Xhud qed tippreżenta dokument li qed jiġi mmarkat bħala Dok AN.*
*Xehdet Doris Vella Cassia[4] in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei. Xhud qed tippreżenta dokument li qed jiġi mmarkat bħala Dok DVC.*
*B'ordni tal-Qorti l-atturi għandhom l-ewwel jindirizzaw l-ewwel żewġ talbiet tagħhom.*
*Il-Qorti wara li reġgħet semgħet lill-partijiet qed tordna lill-partijiet jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni b'dan illi l-intimata qed tiġi mogħtija t-terminu ta' tliet ġimgħat sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha bin-notifika ta' dan lill-attur li qed jingħata sitt ġimgħat għan-nota tas-sottomissjonijiet li għandha tiġi notifikata lill-kontro-parti.*
*Il-Qorti tħalli l-kawża għas-sentenza preliminari għall-10 ta' Lulju 2023 fid-9.00am.*

**10.07.2023**

*Meta ssejħet il-kawża deher Dr Jason Grima u Dr Mark Simiana.*
*Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza billi hemm xiehda nieqsa.*
*Il-kawża hija differita għat-3 ta' Novembru 2023 fid-9.00am għas-sentenza preliminari.*

**03.11.2023**

*Meta ssejħet il-kawża deher Dr Jason Grima għall-atturi.*
*Deher Dr Manuel Galea li qed jassumi l-patroċinju tal-konvenuta minħabba l-elevatura tal-Avukat Dr Mark Simiana għall-ġudikatura.*
*Dehru l-partijiet.*
*Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza peress illi l-konvenuta kienet sprovvista minn Avukat sakemm Dr Manuel Galea jkun ben edott mill-atti proċesswali.*
*Il-Qorti qed tipprefiġġi wkoll terminu ta' ħmistax-il ġurnata biex b'nota komunikata lill-kontro-parti jindikalha hux ser iżomm ferm mal-ewwel eċċezzjoni u jekk ikun hekk il-każ għandux x' iżid man-nota tas-sottomissjonijiet u fil-każ huwa awtorizzat li jagħmel hekk ħames ġimgħat mil-lum bl-addendum komunikat lill-kontro-parti li għandha l-istess terminu biex tissottometti b'mod ulterjuri.*
*Il-kawża hija differita għas-sentenza preliminari għall-20 ta' Marzu 2024 fid-9.00am.*

**20.03.2024**

*Meta ssejħet il-kawża deher Dr Jason Grima għall-attur.*
*Deher Dr Refalo għall-konvenut u ddikjara li m'għandu xejn x' iżid man-nota tas-sottomissjonijiet diġa ppreżentata lill-Avukat li qabel kellu l-patroċinju tal-konvenuta.*
*Il-kawża qed tiġi differita għas-sentenza preliminari għad-29 ta'*

[3] Din ix-xhud ittellgħet sabiex tixhed fuq l-insinwa tal-partnership bl-isem ta' *DJA Electric* (partnership bejn Daniel Ciantar, Jonathan Ciantar u Antonio Zangari)
[4] Din ix-xhud ittellgħet sabiex tixhed fuq il-file mediku ta' Daniel Ciantar

*Novembru 2024 fid-9.00am."*

10. Huwa minnu li l-kawża oriġinarjament kienet stradata b'mod li l-atturi kellhom jibdew iressqu l-provi tagħhom. Jidher però li waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2023, u "*wara li reġgħet semgħet lill-partijiet*" l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha qabel xejn tiġi indirizzata l-ewwel eċċezzjoni u għal dan il-għan tat lill-kontendenti żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward. Iżda b'daqshekk l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn ħażin: kienet sempliċiment qiegħda teżerċita s-setgħa tagħha li tmexxi l-proċedura bil-mod li jidrilha li huwa l-aktar opportun. Evidentement qieset li jkun aħjar li tingħata sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni, sabiex f' każ li din tirriżulta fondata, ikun ġie evitat telf ta' ħin fuq ġbir ta' provi mhux rilevanti.

11. *In oltre* din il-Qorti tosserva li dakinhar tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2023 ma saret l-ebda oġġezzjoni da parti tal-atturi (jew aħjar, tad-difensur tagħhom preżenti fl-awla) fir-rigward tal-ordni mogħtija mill-Qorti biex flok jitkomplew il-provi tal-atturi tiġi indirizzata l-ewwel eċċezzjoni u mbagħad tingħata sentenza preliminari fir-rigward. Anke tul id-differimenti kollha li ngħataw qabel ma ngħatat is-sentenza preliminari l-atturi qatt ma ppreżentaw xi rikors biex jikkontestaw tali ordni u biex jitolbu li jiġu awtorizzati jkomplu bil-provi tagħhom. Anzi, fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom tad-29 ta' Mejju 2023 spjegaw li kienu qiegħdin jippreżentawha proprju in ottemperanza mal-ordni tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2023,

fejn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta kellha tiġi miċħuda:

> *"3. Illi l-Qorti fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2023 ordnat lill-partijiet jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata u dan billi jiskambjaw nota ta' sottomissjonijiet;*
>
> *4. Illi l-intimata ppreżentat in-nota tas-sottomissjonijiet tagħha u għalhekk l-esponenti qed jissottomettu dan li ġej:*
>
> *[…]*
>
> *30. Għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha."*

12. Kif tenfasizza l-konvenuta appellata, il-bażi tal-azzjoni hija l-allegata indenjità tagħha li tiret lil żewġha Daniel Ciantar. Dan fil-fatt joħroġ ċar mill-ħames premessa:

> *"Illi kif ser jiġi ppruvat tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-intimata rrendiet ruħha mhux denja li tiret lil żewġha minħabba l-eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kaġunati minnha fil-konfront tiegħu tant li Daniel Ciantar waqa' f' dipressjoni u spiċċa neħħa ħajtu b'idu."*

u wkoll mill-ewwel talba:

> *"Tiddikjara li l-intimata ma hiex denja li tirċievi u tiret l-eredita` tal-mibki żewġha Daniel Ciantar."*

13. Għalhekk, minkejja li l-atturi ma ddikjarawx speċifikatament li kienu qegħdin jibbażaw l-azzjoni fuq l-Artikolu 605[5] moqri flimkien mal-Artikolu 796[6], mid-diċitura tal-premessi u tat-talbiet m'hemmx dubju li huma tali dispożizzjonijiet tal-liġi li huma applikabbli għall-każ, *stante* li huma biss

[5] Artikolu li jipprovdi dwar: "***Persuni li mhumiex denji jirċievu b'testment."***
[6] Artikolu li jipprovdi dwar "***Persuni inkapaċi jew mhux denji li jirtu ab intestato."***

dawn l-artikoli meħudin flimkien, li jirregolaw l-indenjità ta' persuna li tiret lil persuna li tkun mietet intestata.

14. M'għandhomx raġun l-atturi meta jgħidu li jista' jkun hemm "raġunijiet oħra" kontemplati fil-liġi jew f'prinċipji legali li jirrendu persuna mhux denja li tiret bħal:

> "• ***ex turpi causa non oritur actio****;*
> (din hija massima legali li tfisser li mhux possibbli li wieħed jaġixxi sabiex jottjeni rimedju legali jew risarciment għad-danni jekk l-azzjoni hija bbażata fuq fatt illeċitu tiegħu stess);
>
> • ***actio de in rem verso***
> (din hija l-azzjoni għall-kumpens magħrufa bħala dik tal-arrikkiment indebitu, cioe` meta jkun hemm nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment tal-konvenut u l-"ftaqir" tal-attur);
>
> • ***jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem****.*
> (din hija massima legali li tfisser li ħadd ma għandu jarrikkixxi ruħu a skapitu ta' ħaddieħor – massima li fil-fatt hija l-bażi tal-*actio de in rem verso*)."

15. Dawn iċ-ċirkostanzi, jew prinċipji, jesorbitaw għal kollox mill-parametri ta' din il-kawża, li kif ingħad, <u>hija ppernjata unikament fuq l-indenjità tal-konvenuta li tiret lil żewġha.</u>

16. Għaldaqstant għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, li:

> *"Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija kompletament insostenibbli billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jistgħu qatt, lanqas jekk jirriżultaw, iwasslu għall-indenjita' billi ma humhiex fost ir-raġunijiet tassattivament elenkati fl-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili."*

kull ma kellha tagħmel l-Ewwel Qorti hu li tara jekk l-allegati *"eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kaġunati minnha fil-konfront tiegħu tant li Daniel Ciantar waqa' f'dipressjoni u spiċċa neħħa ħajtu b'idu"* jinkwadrawx l-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux jekk tali allegazzjonijiet fil-fatt jirriżultawx jew le. L-Artikolu 605 jaqra hekk:

> *"**605**. (1) Kull min –*
>
> *(a) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur; jew*
>
> *(b) ikun akkuża lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur, quddiem awtorità kompetenti b'delitt li jġib il-piena tal-priġunerija, u li hu kien jaf li t-testatur, jew il-mara jew raġel tat-testatur, ma kenux ħatjin tiegħu; jew*
>
> *(c) ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja; jew*
>
> *(d) ma jkunx ħalla lit-testatur jagħmel testment ġdid, jew iħassar it-testment li kien ġa għamel, inkella qered, iffalsifika, jew bil-qerq ħeba t-testment,*
>
> *(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għal kull min ikun kompliċi f'wieħed jew ieħor mill-fatti hawn fuq imsemmja."*

liema artikolu, skont ma jipprovdi l-Artikolu 796 tal-istess Kodiċi Ċivili, japplika wkoll f'każ li d-deċedut ikun miet intestat (bħal fil-każ in kwistjoni):

> *"**796.** Dawk li huma inkapaċi jew mhux denji li jirċievu b'testment, għar-raġunijiet li jingħadu f'dan il-Kodiċi, hekk ukoll huma inkapaċi jew mhux denji li jirtu ab intestato."*

17. Ifisser għalhekk li d-deċiżjoni li ħadet l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2023, u ċjoè li f'dak l-istadju flok tkompli bil-ġbir tal-provi, tħalli l-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni, u dan bil-fakoltà li l-

kontendenti jippreżentaw is-sottomissjonijiet relattivi tagħhom fir-rigward, ma timmeritax ċensura.

18. Ovvjament, li kieku l-Ewwel Qorti rriżultalha li l-premessi u t-talbiet attriċi effettivament jinkwadraw taħt xi wieħed jew ieħor mill-erba' subinċiżi l-Artikolu 605(1) tal-Kodiċi Ċivili, kienet tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u f'tali każ l-atturi kienu mbagħad ikomplu bil-ġbir tal-provi tagħhom. Dan issa jwassalna għall-aggravju li jmiss.

> "(ii) Dwar jekk l-Artikolu 605 huwa eżawrijenti jew le, u fi kwalunkwe każ, jekk il-konvenuta hix indenja li tiret taħt is-subinċiż (a) u (d):"

19. L-atturi appellanti ma jaqblux mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-Artikolu 605 huwa wieħed eżawrijenti.

20. Din il-Qorti assolutament ma ssibx li għandhom raġun, għaliex kif osservat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, dan l-artikolu jibda' bil-kliem "*Kull min….*" u jelenka numru ta' ċirkostanzi speċifiċi li huma miġbura taħt is-subinċiżi (1)(a) sa (d) li għalihom tapplika l-indenjità. Huwa altru ċar li r-raġunijiet li jwasslu għall-indenjità huma limitati għal dawk speċifikatment elenkati fis-sub-inċiżi (1)(a) sa (d) u li għalhekk tali lista ta' raġunijiet hija waħda eżawrijenti. L-Artikolu 605 ma jgħidx li r-raġunijiet għall-indenjità "jinkludu" r-raġunijiet hemm elenkati, iżda effettivament jelenka r-raġunijiet, u b'hekk qiegħed jeskludi kull raġuni oħra: ***enumeratio unius***

***est exclusio alterius*.**

21. Kienet għalhekk korretta l-Ewwel Qorti meta rriteniet li l-indenjità maħsuba mil-leġislatur għandha tiġi interpretata biss kif hemm hekk skritt u maħsub, u mhux imġebbda għal sitwazzjonijiet oħra.

22. L-atturi appellanti jargumentaw ukoll li fi kwalunkwe każ il-konvenuta mhix denja li tiret abbażi tal-Artikolu 605(1)(a) u (d), kif kien ser jirriżulta fil-kawża kieku ngħataw l-opportunità li jressu l-provi tagħhom.

23. Kwantu għall-Artikolu 605(1)(a), li jikkontempla ċirkostanzi fejn bniedem *"volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur"* din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dak allegat mill-atturi fir-rigward tal-konvenuta ma jinkwadrax taħt tali subinċiż. Dak li qed jallegaw l-atturi hu li l-konvenuta mhix denja li tiret lil żewġha minħabba *"l-eċċessi, moħqrija, theddid, jew offiżi gravi kaġunati minnha fil-konfront tiegħu tant li Daniel Ciantar waqa' f' dipressjoni u spiċċa neħħa ħajtu b'idu*."

24. Bl-ebda mod ma jista' jitqies li tali allegazzjonijiet, jekk pruvati, jinkwadraw taħt l-Artikolu 211(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> *"(2) Hu ħati ta' omiċidju volontarju kull min, dolożament, bil-ħsieb li*

> *joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt."*

25. Lanqas ma jistax jitqies li tali allegazzjonijiet jinkwadraw taħt l-Artikolu 213 tal-istess Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> "*Kull min iġiegħel lil ħaddieħor jiddeċidi li joqtol ruħu b'idejh jew jagħtih xi għajnuna, jeħel, meta jinsab ħati, fil-każ li s-suwiċidju jsir, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il sena."*

kif sostnew l-atturi fis-sottomissjonijiet tagħhom u kif jerġgħu jsostnu f'dan l-appell tagħhom. L-allegazzjonijiet tal-atturi huma li konsegwenza tal-"*eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi kaġunati mill-konvenuta*" fil-konfront ta' żewġha huwa waqa' f'dipressjoni u spiċċa neħħa ħajtu b'idejh. Tali allegazzjonijiet m'humiex affattu fis-sens li "ġegħlitu" jew "għenitu" sabiex jieħu d-deċiżjoni li jneħħi ħajtu.

26. Kwantu għall-<u>Artikolu 605(1)(d),</u> li jikkontempla ċirkostanzi fejn bniedem "*ma jkunx ħalla lit-testatur jagħmel testment ġdid*…" din il-Qorti tosserva li l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom qatt ma ppremettew l-konvenuta kienet żammet lil-żewġha Daniel Ciantar milli jagħmel testment. Din l-allegazzjoni tqajmet għall-ewwel darba mill-atturi f'dan l-appell tagħhom. Fil-fatt fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom kienu <u>semmew biss l-Artikolu 605(1)(a):</u>

> *"Illi dato ma non concesso li huwa biss l-artikolu 605 li għandu japplika, l-esponenti xorta waħda jemmnu li r-rikorrenti* (***RECTE*: konvenuta**) *ma hiex denja li tirċievi l-wirt ta' żewġha taħt l-Artikolu 605(1)(a) għax kawża tal-aġir tagħha żewġha neħħa ħajtu."*

27. Għalhekk l-allegazzjoni li l-konvenuta ma ħallietx lil żewġha jagħmel testment jammonta għal *noviter deductus* u għalhekk ma jistgħux l-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma qisitx allegazzjoni li huma qatt ma qajmu.

28. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-atturi jirriżulta infondat ukoll.

29. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma hemmx bażi legali biex din il-kawża titkompla. Kienet korretta għalhekk l-Ewwel Qorti meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

**DECIDE:**

30. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*.

31. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb